TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 151/11

**Michael Giordmaina**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Illum 9 t'Awwissu, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fil-11 t'April, 2011 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' ħames mija u wieħed u tletin ewro (€531), rappreżentanti ħsarat fuq il-vettura tiegħu li kien esporta lejn l-Ingilterra, liema ħsarat saru waqt il-vjaġġ.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa l-istess intimat, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub illi huwa kien qabbad lill-intimat sabiex jieħu l-vettura tiegħu lejn l-Ingilterra u waqt il-vjaġġ ġiet misruqa il-batterija u kif ukoll kien hemm diversi għafsiet fuq il-vettura.

L-intimat issottometta illi dan it-Tribunal m'għandux kompetenza stante li fil-fatt dan ir-rikorrenti mhuwiex konsumatur imma huwa negozjant fejn ħa diversi vetturi lejn l-Ingilterra.

It-Tribunal, sema' lil Antoine Vella, impjegat ta' Express Trailers, fejn qal illi kien hemm diversi drabi illi r-rikorrenti qabbad lill-Express Trailers sabiex juża s-servizzi tiegħu biex jesporta karozzi.

**It-Tribunal jinnota illi:**

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet u wara li sema' wkoll illi din ma kinitx l-ewwel darba li r-rikorrenti esporta karozzi jew vetturi, xi ħaġa li konsumatur ma jagħmilx iktar minn darba u forsi darbtejn.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE. (+356) 21227070 FAX. (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jiċħad it-talba tar-rikorrenti, minħabba l-fatt illi dan it-Tribunal mhuwiex kompetenti stante illi għall-fini tal-Liġi, t-Tribunal qiegħed iqis lir-rikorrenti mhux bħala konsumatur u li għalhekk ma jistax jieħu konjizzjoni ta' din it-talba, bl-ispejjeż jiġu supportati ugwalment bejn il-partijiet, u b'dan ma jfissirx illi r-rikorrenti ma jistax ifittex lill-intimat band'oħra.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**